**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' Gunju, 2017

Rikors Kongunt Nru : 178/17AL

**AB**
u
CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi l-partijiet izzewgu fis-sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) - certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok 'A'.

Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla wahda li jisimha fb li twieldet fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbgha (2004), u l-manteniment dovut ghaliha qed jithallas regolarment minn James Gatt u ghalhekk m'hemmx arretrati ta' manteniment.

Illi l-esponenti sseparaw permezz ta’ kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech tad-disgha (9) ta’ Awissu tas-sena elfejn u tnax (2012), kopja awtentika tal-istess qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok ‘B’.

Illi l-esponenti kienu rrinunzjaw definittivament u reciprokament ghad-dritt li jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin.

Illi ghaddew aktar minn erba’ (4) snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom separati legalment.

Illi l-esponenti jiddikjaraw li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi biex jinghata d-divorzju.

Illi huma jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul.

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

Tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta’ bejn AB U CD u tiddikjara z-zwieg taghhom mahlul ai termini tal-Artikoli 66A *et seq* tal-Kodici Civili u kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta’ Mejju, 2017;

Rat l-affidavits bix-xhieda tal-partijiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mid-9 ta' Awissu 2012;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.